XEWKIJA

***MINUTI***
***KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA***
***LAQGĦA MILL-BIDU TAL-KUNSILL: NRU 441***
***IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 69***
***l-Erbgha 9, ta' Mejju 2012 fis-6:30pm.***

*Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-6:30pm.*

*Preżenti:*

*Dr Monica Vella – Sindku*

*MrJoseph Vella - V/Sindku*

*Mr Teddy Mizzi - Kunsillier*

*Mr Hubert Saliba - Kunsillier*

--------------------------------------------------------

*Skuzati:- Dr Marthese Portelli - Kunsilliera*

*Uffiċjali:*

*Ms Sue-Ellen Bugeja – Segretarju Eżekuttiv*

*Intqalet it-Talba.*

1. **Financial Statements 2012**

   Din il-laqgħa issejħet urġenti sabiex jiġu approvati il-Financial Statements ta' 2011 li l-Kunsill irċieva mingħand l-awditur fit-8 ta' Mejju 2012 filgħodu. Il-Financial Statements inqraw u ġew approvati.

2. **Fiori d'Argenta 2012**

   Is-Sindku infurmat li l-World Marketing se jipparteċipaw billi jgħinu fit-tisjir ta' l-Akbar Torta tal-Bajtar ta' San Gwann. Il-Gimgħa ser isir il-Musical ta' Mary Poppins imtella' mit-tfal li jattendu l-iskola Primarja tax-Xewkija taħt id-direzzjoni ta' George Mizzi. Teddy Mizzi il-Kunsillier għandu jkellmu minhabba xi preparimenti logistici tal-palk etc. Is-Sindku nfurmat ukoll li ser jittellgħu ukoll diversi wirjiet. Dan ix-xogħol qed jiġi koordinat mis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv. Is-Sindku nfurmat il-Kunsill li meta dan l-ahhar regghet għamlet kuntatt ma' Charles Borg mill-Ghaqda Drammatika Xewkija biex tara f'hiex waslu fil-preparamenti taghħom ghall-produzzjoni li kellhom itellghu għas-Sibt fil-għaxija giet infurmata li ma kinux ser itellgħu l-ebda produzzjoni għax ma kinux ser ilaħqu. Għalhekk ser isir kuntatt ma xi grupp ieħor biex tittella' xi

produzzjoni drammatika f'din l-attivita' li xorta wahda tkun dwar xi grajja marbuta max-Xewkija.

**3. Ilmenti u Suġġerimenti**

Il-Kunsill ser jikteb ittra lil Enemalta dwar il-floodlights u l-bozoz li hemm ġol-Pjazza għax qegħdin jixgħelu u jintfew kontinwament.

**14. Tmiem il-Laqgħa**

Il-Laqgħa ntemmet fid-10:00p.m.

| | |
|---|---|
| Sue-Ellen Bugeja | Dr Monica Vella |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |